**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur**

**Il-Pulizija**
**(Spt. Kurt Zahra)**
**vs**
**Ali Adan Isaak**

**Illum, 3 t'Ottubru, 2015**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Ali Adan Isaak**, iben Ali u Howa nee' Briz, imwieled Mogadishu, Somalia, nhar l-1 ta' Jannar 1993, detentur tal-Karta tal-Identita' numru 100684(A), u numru tal-Pulizija 12Y-043;

1. Akkuzat talli nhar is-16 ta' Dicembru, 2014 ghall-habta ta' 0520 ta' filghodu, minn gewwa Millennium Chapel fi Triq il-Knisja, San Giljan ikkommetta serq ta' mp3 player ta' valur ta' €100, u €350 fi flus kontanti ghad-detriment tal-ordni ta' Santu Wistin Malta u entitajiet ohra, li huwa ikkwalifikat bil-'mezz', bil-'valur' li ma jeccedix l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), bil-'post' u bil-'hin'*(Art 261(b)(c)(e)(f), 267, 279(a) Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta)*;

2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament ikkaguna hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli u cioe' tal-ordni ta' Santu Wistin Malta u entitajiet ohra u/jew persuni ohra, liema hsara teccedi l-mitejn u hamsin ewro (€250) u ma teccedix l-elfejn u hames mitt ewro (€2500) *(Art 325(b) Kap 9)*;

3. U aktar talli kkommetta reat punibbli bi prigunerija waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza ta' disgha xhur prigunerija sospizi ghal sentejn, liema sentenza giet imposta definittivament nhar is-17 ta' Marzu 2014 mill-Qorti tal-Magistrati Malta (Magst. Dr. Edwina Grima LL.D.) *(Art 28B Kap 9)*;

4. U aktar tali rrenda ruhu recediv ta' sentenza li nghatat lilu mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta kif preseduta mill-Magistrat Dr. Edwina Grima, nhar is-17 ta' Marzu 2014 liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel ai termini tal-Artikli 49 u 50 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali tat-03 t'Ottubru 2015 sabiex il-kawza kontra l-imputat tkun trattata u deciza bil-procedura sommarja kif ukoll in-nuqqas ta' oggezzjoni tal-imputat ghall-istess procedura;

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat;

Tat zmien ragonevoli lill-imputat sabiex jirrikonsidra l-ammissjoni tieghu;

Rat li waqt l-udjenza tal-lum mizmuma minn din il-Qorti l-imputat rega' afferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti tatu zmien jirrikunsidra il-posizzjoni tieghu;

Rat il-verbal tal-udjenza tal-lum stess;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena;

Ikkunsidrat,

Illi stante ammissjoni l-akkuzi jirrizultaw pruvati;

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reat li tieghu qeghda jinstab hati l-imputat, l-ammissjoni fl-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri u l-fedina penali tieghu li mhix wahda netta.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 261(b), (c), (e), (f), 267, 269, 270, 278, 279 (a), 280 u 281 (c), 49, 50 u 325 (b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah tlett snin u hdax il-xahar prigunerija kumplessivament. U b'applikazzjoni ta' l-artikolu 28 (b) (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta tordna li s-sentenza sospiza tibda ssehh.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza.

***(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.***

Angelo Buttigieg
Deputat Registratur